MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 296/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Anna Maria Tanti**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-14 ta' Settembru, 2009 għall-ħabta tad-21.30 hrs ġewwa San Pawl il-Baħar :

1. inġurjat lil żewġha Consiglio Tanti bi kliem;
2. permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika heddet lil żewġha Consiglio Tanti bi kliem;
3. għamlet użu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Gunju, 2010, li biha wara li rat l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-appellanti ħatja tal-ewwel imputazzjoni u kkundannatha għall-piena ta' R & A izda ma sabithiex ħatja tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u lliberatha minnhom stante li mhux suffiċjentement ippruvati.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rabtet lill-appellanti Anna Maria Tanti b'obbligazzjoni personali ta' Euro 500 li żżomm il-kwiet ma' żewġha Consiglio Tanti għal żmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha ppreżentat fit-28 ta' Gunju, 2010, li bih talbet li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermha in kwantu lliberatha mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni, u tikkanċellha w tħassarha in kwantu sabitha ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni u fejn applikat l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tagħha, u konsegwentement tilliberaha mill-ewwel imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-appellanti kellha tigi liberata mill-ewwel imputazzjoni u dan peress illi kif se jirriżulta fil-kors ta' dan l-appell, l-appellanti fl-ebda mument ma ingurjatu jew saqet b'mod eċċessiv fid-direzzjoni tiegħu.

Ikkonsidrat

Li fil-verbal tat-22 ta' Novembru, 2011 hemm imniżżel dan li ġej:

‘Dr Ludvic Caruna għal Anna Maria Tanti qed jaċċetta r-rinunzja tal-azzjoni kriminali fil-konfront tas-sinjura Tanti.’ (fol 15).

Illi fl-aggravju tal-appellant hemm imniżżel li l-appellanti ‘fl-ebda mument ma saqet b’mod eċċessiv fid-direzzjoni ta’ żewġha’.

Iżda miċ-ċitazzjoni u mis-sentenza a fol 6, l-ewwel imputazzjoni, li tagħha l-imputata nstabet ħatja hija biss li hija ‘inġurjat lil żewġha’ u m’hemm ebda referenza għal xi sewqan eċċessiv fid-direzzjoni tiegħu. Hemm biss referenza għal sewqan eċċessiv fl-affidavit a fol 5 iżda tali offiża mhix riflessa fl-imputazzjoni li tagħha l-appellanti nstabet ħatja.

Għalhekk dak li jibqa’ huwa biss il-kwistjoni tal-inġurja.

Il-fatt li l-appellanti kienet qed taċċetta r–rinunzja tal-azzjoni  kriminali ma jbiddel xejn fis-sitwazzjoni legali kwantu l-proċedura quddiem il-Qorti ma tmexxietx minn kwerelant iżda mill-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------